Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 602/2015

**Elmo Insurance Limited (appellata)**

**Vs**

**John Spiteri, Duncan Fenech u l-imsejjah fil-kawza Gordon Camilleri**
**(appellant)**

10 ta' April, 2018.

1. B'sentenza tal-11 ta' Lulju, 2016 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lil Duncan Fenech li jhallas lill-attrici s-somma ta' €100 u lil Gordon Camilleri jhallas lill-attrici s-somma ta' €2,765.38 bl-imghaxijiet li jghaddu mit-23 ta' Lulju, 2015.

2. Il-kaz jirrigwarda incident tat-traffiku li sehh fis-16 ta' April, 2011 gewwa Labour Avenue, Naxxar. F'dan l-incident kienu nvoluti l-vetturi:

    i. FBV 596 li kien qieghed isuq Duncan Fenech u li Gordon Camilleri kien akkwista minghand John Spiteri;
    ii. XER 079 li kienet qeghda tinstaq mit-terz.

3. **<u>Fatti</u>**.

    i. John Spiteri kien sid il-vettura Mitsubishi Pajero FBV 596.
    ii. Fil-25 ta' Marzu, 2011 John Spiteri ttrasferixxa l-vettura Mitsubishi Pajero FBV 596 lil Gordon Camilleri (ara dikjarazzjoni ta' John Spiteri a fol. 70 li ma gietx kontradetta u eccezzjonijiet ta' Camilleri (fol. 30) fejn ma kkontestax li sehh dak in-negozju).
    iii. It-transfer tal-vettura ma' Transport Malta sar fil-21 ta' Gunju, 2011 (Stephen Cachia, fol. 36).
    iv. Il-vettura FBV 596 kienet assigurata mas-socjeta attrici permezz ta' polza ta' assikurazzjoni mahruga f'isem John Spiteri. Fil-polza kien jinghad: *"We shall not be liable to pay any claim in respect of the Motor Vehicle in relation to which You have entered into any contract*

*of sale or purported contract of sale whether this transaction constitutes valid contract or not or would have constituted a valid contract but for the failure to comply with the provisions of the Duty on Documents Act 1993".* **Hu ghalhekk evidenti li l-ftehim kien li l-polza ta' assikurazzjoni tibqa' valida diment li l-vettura tkun ghadha proprjeta ta' Spiteri**.

v. Mill-provi ma jirrizultax li Spiteri gharraf lis-socjeta appellata li kien sehh in-negozju. Kien biss wara l-incident li s-socjeta appellata saret taf bin-negozju li kien sar.

vi. Fis-16 ta' April, 2011 sehh l-incident tat-traffiku. Il-vettura FBV 596 kienet qeghda tinstaq minn Duncan Fenech. Kien Gordon Camilleri li ta l-vettura lil Duncan Fenech, wara li dan ha l-vettura tieghu ghand Camilleri sabiex isir xoghol fuqha.

vii. B'decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tas-26 ta' April 2013, Duncan Fenech kien gie ddikjarat responsabbli ghall-incident u kkundannat ihallas €1,988.16 u l-imghax mis-7 ta' Lulju 2011 u l-ispejjez (€541.15).

viii. L-attrici hallset id-danni.

4. Fis-sentenza t-Tribunal irraguna:

*"L-incident sehh waqt li l-vettura kienet fil-pussess tieghu (Duncan Fenech) u ghalhekk huwa ghandu jirrispondi ghal istess kif ser jinghad hawn taht. L-istess haga ghandu jaghmel il-kjamat fil-kawza l-ghaliex hu ma messu qatt ta din il-vettura lill-intimat Duncan Fenech meta kien jaf li din il-vettura ma kinitx ghadha giet registrata fuq ismu. Ghalhekk, filwaqt li l-intimat Fenech ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-excess li kellhu jithallas biex tkun tista ssir il-claim, il-kjamat fil-kawza ghandu jaghmel tajjeb ghar-rimanenti bilanc mill-ammont mitlub f'dawn il-proceduri. L-intimat John Spiteri jirrizulta li ghamel dak li kien mistenni minnu u ma ghandux ghalfejn iwiegeb ghal din it-Talba. Ghalhekk it-Tribunal ser jilqa' l-eccezzjonijiet minnu mressqa".*

5. Fid-29 ta' Lulju, 2016 Gordon Camilleri appella mis-sentenza. L-aggravju gie spjegat hekk:

*"1. Illi l-appellant umilment jissottometti li meta huwa ha bi tpartit il-vettura mertu tal-kawza odjerna, l-intimat Joseph Spiteri kien assigurah li l-istess vettura kienet koperta b'polza t'assigurazzjoni u ghalhekk din il-vettura setghet tinstaq regolarment fit-toroq pubblici.*

*2. Illi ma rrizulta minn imkien fil-proceduri odjerni li l-istess John Spiteri kien nform b'xi mod lill-appellant li l-vettura in kwistjoni ma kinitx assigurata jew li kien hemm xi 'contract of sale clause' inserita fil-polza ta' assikurazzjoni.*

*3. Illi fil-fatt fir-risposta tieghu, l-intimat John Spiteri ighid biss li l-ghada kellha ssir polza ta' assikurazzjoni u jsir trasferiment tal-vettura mal-Awtorita' tat-Trasport sabiex il-vettura tkun tista' tinstaq fil-pubbliku.*

*4. Illi dan bl-ebda strecc tal-immaginazzjoni ma jfisser li l-intimat John Spiteri kien informa lill-appellant li din il-vettura ma kinitx assigurata. Se mai jista' jfisser biss li l-partijiet kienu qbalu li jsiru assigurazzjonijiet godda sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment fuq is-sidien il-godda u*

*dan halli eventwalment l-istess John Spiteri u l-istess appellant ikunu jistghu jikkancellaw l-assigurazzjoni li kellhom fuq il-vettura mparta u jiehdu r-refund ta' tali assigurazzjoni.*

*5.Illi barra minn hekk, l-appellant ma jista' qatt jinstab responsabbli tad-danni kommessi. Huwa fatt inkonfutabbli li fil-hin tal-incident stradali l-istess vettura kienet misjuqa mill-intimat Duncan Fench u sussegwentement, huwa l-istess Duncan Fenech li huwa responsabbli tal-incident per se".*

6. L-attrici wiegbet li s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-11 ta' Lulju, 2016 hi gusta u ekwa u timmerita li tigi kkonfermata *in toto*, bl-ispejjez kollha a karigu ta' Camilleri. Dan meta quddiem it-Tribunal kienet qeghda ssostni li Spiteri u Fenech kienu responsabbli (ara wkoll traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difensur taghha). Pero' mbaghad l-attrici kompliet tghid li toqghod ghad-decizjoni tal-qorti dwar min mill-konvenuti ghandu jaghmel tajjeb ghas-somma ta' €2,865.38.

7. Il-konvenut Duncan Fenech wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud. L-istess ghamel il-konvenut John Spiteri.

8. L-appellant ma xehedx. Fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2016, l-appellat Spiteri xehed: *"Jiena meta partat il-karozza mal-kjamat fil-kawza ta' Gordon Camilleri, nghid illi kont infurmajtu li l-karoza kellha polza tal-assikurazzjoni valida"* (fol. 79). Fid-data tal-incident il-vettura kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici. Madankollu ma jirrizultax li meta sehh in-negozju bejn John Spiteri u Gordon Camilleri, l-attrici kienet giet infurmata b'dak in-negozju. Tant hu hekk li l-polza ta' assikurazzjoni baqghet f'isem John Spiteri.

9. Il-kuntratt ta' assikurazzjoni kien bejn l-attrici u John Spiteri. Il-fatt li Spiteri qal lil Camilleri li l-vettura kienet assigurata, ma jfissirx li b'daqshekk kien qieghed jatih xi garanzija li l-vettura setghet tintuza. M'hemmx provi bizzejjed li jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li Spiteri ta xi garanzija simili. Fit-twegiba li pprezenta fit-Tribunal (fol. 30), l-appellant qal:

   *"Illi l-esponenti ghamel tpartit ta' vetturi mal-intimat John Spiteri fejn dan tal-ahhar kellu jaghmel assikurazzjoni fuq il-vettura mehuda minghand l-esponent u dan sabiex* ***sussegwentement l-esponent ikun jista' jaghmel assikurazzjoni fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni FBV 596*** *meritu tal-kawza odjerna".*

   Pero' l-appellant baqa' ma xehedx.

10. Kien fid-dmir ta' Camilleri li hekk kif sar sid tal-vettura u sabiex isir uzu mill-vettura, jizgura li tinhareg polza ta' assikurazzjoni f'ismu. Polza ta' assikurazzjoni fuq vettura f'isem persuna ma tigix trasferita awtomatikament f'isem is-sid il-gdid. Sabiex il-polza ta' assikurazzjoni tkun trasferita f'isem is-

sid il-gdid irid ikun hemm il-kunsens tal-kumpannija assiguratrici u tal-assigurat. Kunsens li f'dan il-kaz ma jirrizultax li ntalab.

11. Ghaldaqstant dakinhar li sehh l-incident tat-traffiku, bejn Gordon Camilleri u l-attrici ma kienx jezisti kuntratt ta' assikurazzjoni, ghalkemm hu fatt li l-vettura kienet koperta minn polza ta' assikurazzjoni. Madankollu l-kuntratt ta' assikurazzjoni kien kuntratt bejn Spiteri *(policy holder)* u l-attrici.

12. L-attrici ghamlet tajjeb ghad-danni li kienu kkagunati mill-vettura ta' Gordon Camilleri, minhabba l-obbligu legali li johrog mill-Kap. 104 gialadarba fid-data tal-incident kien ghad hemm fis-sehh polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura.

13. Meta Gordon Camilleri akkwista l-vettura u qabel ippermetta lil Duncan Fenech isuqha, kellu jizgura li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura li tkun f'ismu. Evidentement dan m'ghamlux. Dan in-nuqqas wassal biex l-attrici kellha thallas id-danni li sofra t-terz minkejja li ma kellhiex relazzjoni kuntrattwali ma' Camilleri.

14. Fic-cirkostanzi l-appellant Gordon Camilleri ma jistax jippretendi li m'ghandux responsabbilta' fil-konfront tal-attrici, minkejja li fil-hin tal-incident ma kienx il-persuna li kienet qeghda ssuq il-vettura. Kienu hu li ta l-vettura lil Fenech meta kien jaf li l-vettura ma kellhiex polza ta' assikurazzjoni f'ismu.

15. Hu minnu li permezz tat-tielet talba tar-rikors tal-appell l-appellant talab lil din il-qorti sabiex, *"3. Tikkundanna lil John Spiteri u lil Duncan Fenech jew min minnhom ihallsu lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' elfejn seba' mija u hamsa u sittin euro u tmienja u tletin centezmi ta' euro (€2,765.38) ....."* Pero':

    i. Jidher li dik it-talba saret b'mod konsegwenzjali ghall-ewwel zewg talbiet tar-rikors tal-appell, li jikkoncernaw l-appellant.
    ii. L-aggravji li ppropona l-appellant jirrigwardaw l-fatt li instab responsabbli u t-Tribunal ikkundannah ihallas is-somma ta' €2,765.38. Jekk per ezempju tqies l-aggravju fir-rigward ta' Spiteri, dan ma jikkonsistix f'argumenti ghalfejn Spiteri kien responsabbli fil-konfront tal-kumpannija attrici izda ghalfejn l-appellant ma kellux jinstab responsabbli a bazi ta' dak li allegatament kien qallu Spiteri.

16. Il-qorti taghmilha cara li b'din id-decizjoni ma jfissirx li taqbel mar-ragunament tat-Tribunal ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta ta' Spiteri u Fenech vis-à-vis il-kumpannija attrici. Madankollu ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni taghha fir-rigward ta' Spiteri u Fenech, il-kumpannija attrici ghazlet li ma tappellax minn dik il-parti tas-sentenza li tikoncerna l-imsemmija konvenuti.

17. Il-qorti ghalhekk ma tarax li ghandha tqies jekk Spiteri u Fenech kellhomx jinstabu responsabbli flimkien ma' Camilleri. Ovvjament jekk Camilleri ghandu xi pretensjoni fil-konfront ta' John Spiteri u Duncan Fenech, dik hi materja li tibqa' mpregudikata bejniethom.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.